MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 522/2005

**Sun Chemicals Limited (C 523)**

**Vs**

**Gesmond sive Jesmond Sant (I.D. 17766 (M) )**
**u martu Rita Sant (I.D. 151865 (M) )**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm82.75c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici fil-fond Save 'N' Smile lill-konvenuti u dan fuq struzzjonijiet taghhom stess.

Ra r-Risposta ta' Rita Sant li biha wiegbet illi fl-ewwel lok hija ma ttrattatx mas-socjeta' attrici izda kien il-konvenut Jesmond Sant li kien jiggestixxi l-hanut in kwistjoni. Illi inoltre, l-eccipjenti qatt ma giet infurmata dwar id-dejn pretiz mis-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandhiex tkun responsabbli. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-Risposta ta' Jesmond Sant li biha wiegeb li l-konvenuti ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Illi hemm kontestazzjoni mill-konvenuta Rita Sant li dawn l-ammonti m'humiex dovuti minnha izda minn Jesmond Sant biss. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-Avviz huma dovuti, dawn ghandhom jithallsu nofs b'nofs bejn il-konvenuti peress li ghad hemm vigenti l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi inoltre, l-ammont mitlub ghandu jigi ridott stante li s-socjeta' attrici kienet hadet lura parti mill-merkanzija mertu ta' din il-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Mario Gauci.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-kawza kienet giet differita ghas-seduta tal-24 t'Ottubru, 2005 ghall-provi kollha tal-partijiet izda dakinhar ma pprezentawx ruhhom il-konvenuti u lanqas ma pprezentaw provi.

Ra d-digriet tas-27 t'Ottubru, 2005 u sema' x-xhieda ta' Rita Sant u t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Camilleri ghas-socjeta' attrici, Dr Tanya Sammut Catania ghall-konvenuta u ta' Dr Mark Mifsud Cutajar ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-fatt is-socjeta' attrici bieghat il-merkanzija mertu tal-kawza lill-konvenut li kien jiggestixxi l-hanut Save 'N' Smile Discount Store f'Bridge Street, Mosta u li minkejja li kien hemm kreditu presumibilment minhabba li gie rritornat xi xoghol, ghad

baqa' bilanc ta' tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu u tlett millezmi (Lm82.75c3) liema somma ghadha ma thallsitx. Dan jinsab ikkorroborat mid-dokumenti esebiti.

Illi ghalhekk, it-talba attrici tidher gustifikata.

Illi l-konvenuta ssostni li m'hijiex responsabbli stante li ma kienet taf b'xejn dwar il-pretensjoni. Jirrizulta mill-provi illi fil-fatt meta sar id-dejn in kwistjoni l-konvenut kien qed jiggestixxi l-hanut *de quo* wara Lulju 2003 u cjoe' wara li l-konvenuta ma thallietx tkompli fil-gestjoni tal-hanut, izda, fiz-zmien in kwistjoni kien hemm il-komunjoni ta' l-akkwisti veljanti bejn il-konvenuti ghalhekk huma z-zewg konvenuti li huma responsabbli *in solidum* ghad-dejn naxxenti minn tali negozju. Ovvjament ir-relazzjoni nterna ta' bejniethom tibqa' mpregudikata billi dan jifforma mertu ta' proceduri ohra.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm82.75c) bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------